**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 473/2020 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**vs**
**Bjorn Dalli**

**Illum 29 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Bjorn Dalli, ta' 33 sena, iben Godfrey u Rose nee Agius, imwieled Pieta' nhar it-28 ta' Jannar, 1987, residenti gewwa 8, Triq il-Knisja, Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita' numru 78287M.

Akkuzat talli nhar l-24 ta' Gunju, 2009, fit-3 ta' Novembru, 2012 u fit-13 t' Frar, 2015 fil-Qorti ta' Malta, fil-Belt Valletta:

1. Halef falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg mill-Ligi jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' kundanna, tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 6 ta' Novembru 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali ta' l-imputat, kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, vera kopja ta' sentenza datata 29 ta' Mejju 2019 immarkata bhala Dok MDF1, vera kopja ta' xhieda ta' Bjorn Dalli mmarkata bhala Dok MDF2, vera kopja ta' xhieda ta' Bjorn Dalli datata 13 ta' Frar 2015 immarkata bhala Dok MDF3, stqarrija datata 27 t'Awwissu 2020 rilaxxjata minn Bjorn Dalli mmarkata bhala Dok

POL1, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkata bhala Dok POL2, okkorrenza mmarkata bhala Dok POL3.

Rat li fil-verbal tas-6 ta' Novembru 2020, id-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni ta' hames snin.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ghar-rigward din l-eccezzjoni u cioe' Maria Dolores Fenech, l-Ispettur Priscilla Caruana Lee.

**Maria Dolores Fenech** bhala Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali pprezentat sentenza moghtija fil-konfront ta' Brian Barbara mill-Magistrat Nathasha Galea Sciberras datata 29 ta' Mejju 2019; xhieda ta' Bjorn Dalli fil-kawza Pulizija vs Brian Barbara kif ukoll xhieda ohra li nghatat minn Bjorn Dalli fil-kawza Pulizija vs Brian Barbara quddiem il-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras.

**Spettur Priscilla Caruana Lee** tispjega li l-Magistrat Natasha Galea Sciberras fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 2019 fil-konfront ta' Brian Barbara ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Bjorn Dalli fir-rigward il-ksur tal-Artiklu 104 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fix-xhieda tat-13 ta' Frar 2015 u fix-xhieda tat-3 ta' Novembru 2012, kien hemm diskrepanzi fix-xhieda ta' Bjorn Dalli. Bjorn Dalli spjega li peress li huwa kien bezghan kien xehed differenti fejn qal li xtara d-droga minghand Barbara u fl-istess xhieda qal li ma jiftakarx x'qal fl-istatement guramentat. L-Ispettur Caruana Lee tispjega li fis-27 t'Awwissu 2020 hija kienet bghatet ghal Bjorn Dalli u haditlu stqarrija wara li kien kellem lill-Avukat Dr. Jeffrey Vella.

Saret it-trattazzjoni mid-Difiza u mill-Prosekuzzjoni.

## Fatti tal-Każ.

Illi dan il-każ ta l-bidu tiegħu meta l-imputat kien xehed fi proċeduri kontra persuna oħra li kien qiegħed jiġi akkużat bi ksur ta' dak li hemm fil-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Irriżulta li l-imputat kien xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fejn kien ikkonferma bil-ġurament l-istqarrija tiegħu fis-sena 2009 fejn kien semma xi fatti importanti kontra persuna oħra li wara ttieħdu passi kriminali fil-konfront tiegħu. Illi meta xehed fil-kawża kontra l-imputat, skont il-Qorti li kienet qiegħda tisma' l-każ ħasset li l-imputat odjern kien qiegħed jipprova jiżvijja lill-Qorti b'dak li beda jgħid sabiex jipprova jiskolpa lill-imputat. Illi din Il-Qorti eżaminata bir-reqqa is-sentenza u xhieda li kien ta f'dawk il-proċeduri u l-konklużjoni tal-Qorti kienet li l-imputat odjern għandu jiġi investigat bi ksur tal-Artikolu 104 tal-Kapitou 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Illi d-difiża fil-bidu nett tal-proċeduri, qajmet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni u għamlet referenza għal dak li hemm fl-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-piena stabbilita' u l-preskrizzjoni. Illi għalhekk il-Qorti qabel tidħol fil-mertu tal-każ trid tara jekk fil-fatt dan il-każ kontra l-imputat hux preskritt jew inkella le.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad diġà, l-Qorti diversament preseduta fil-kawża li l-imputat kien xehed fiha, ordnat li l-imputat odjern jiġi investigat għal dak li hemm taħt l-Artikolu 104 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-Artikolu 104 tal-Kapitolu 9 jgħid espressament:

> 104. (1) Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, minn sentejn sa ħames snin priġunerija.
>
> (2) Iżda, jekk il-persuna akkużata tiġi ikkundannata għal piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien ħames snin, ix-xhud li jkun ta x-xiehda falza kontra dik il-persuna fil-kawża, jew, li mix-xiehda tiegħu jkun sar użu kontra il-persuna akkużata f 'dik il-kawża, jeħel dik il-piena akbar.

Illi anki t-titolu ta' dan l-artikolu jitkellem b'mod ċar li qiegħed jagħmel referenza għal spergur f'kawżi kriminali. Illi fil-fatt dak li kienet talbet il-Qorti hija b'referenza li l-imputat kien xehed fil-kawża u cioe' fil-proċeduri kontra persuna oħra. Illi però f'dan il-każ l-imputat qiegħed jiġi akkużat bi ksur tal-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid espressament li:

> 108. (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati –
>
> *(a)* il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;
>
> *(b)* il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.
>
> (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti promissorji.

Illi f'dan il-każ, l-artikolu tal-liġi li l-imputat qiegħed jiġi akkużat bih mhux l-istess li l-Qorti kienet ordnat sabiex l-imputat jiġi investigat taħtu. Illi f'dan il-każ, d-difiża qajmet il-punt tal-preskrizzjoni għax kienet taf li l-imputazzjoni kontra l-imputat hija differenti minn dak li ntqal fis-sentenza.

Illi f'dan il-każ il-piena li hemm stabbilita' taħt l-Artikolu 104 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iġġorr piena massima ta' ħames snin u cioe' tvarja minn sentejn sa ħames snin. Illi għalhekk f'dan il-każ il-preskrizzjoni li hemm stabbilita taħt l-artikolu 688 (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li f'dan il-każ minħabba dak li hemm, iż-żmien tal-preskrizzjoni hija ta' għaxar snin minħabba l-fatt li l-massimu tal-piena hija ta' ħames snin.

Illi f'dan il-każ, l-artikolu tal-Liġi li l-imputat qiegħed jiġi akkużat bih huwa l-artikolu 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-piena hija massimu ta' sena priġunerija. Illi f'dan il-każ il-Qorti tagħmel referenza għal-artikolu 688 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa ta' ħames snin.

**Ikkunsidrat:**

Illi għalhekk il-Qorti issa trid tara jekk f'dan il-każ minħabba li hija marbuta b'dak li hemm taħt l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet jekk fil-fatt il-każ kontra l-imputat hux preskritt jew le. Illi mill-fatti tal-każ jidher u skont is-sentenza li ġiet esebita, l-imputat kien xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar l-24 ta' Ġunju 2009 (ara fol 12) fejn kien ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament. Illi l-istess imputat kien ittella' bħala xhud quddiem il-Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Novembru 2012 meta skont il-Qorti fis-sentenza tagħha l-imputat prova jiżvijja mix-xhieda tiegħu u jiskolpa lill-imputat u għalhekk ħasset li kellu jiġi investigat. Illi ġara li l-imputat ittella' bħala xhud in kontro-eżami fit-13 ta' Frar 2015 fejn issa il-Qorti kif kienet preseduta semgħet u rat il-komportament tal-imputat. Illi fil-fatt il-Qorti ħasset li x-xhieda tiegħu in kontro-eżami ma hija kredibbli xejn u mhux ta' min jorbot fuqha (ara fol 13).
Illi in konklużjoni l-Maġistrat fil-kawża li xehed fiha l-imputat kienet ordnat sabiex l-imputat jiġi investigat għal dak li hemm taħt l-Artikolu 104 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-fatt is-sentenza li ġiet esebita (a fol 9) iġġib id-data tad-29 ta' Mejju 2019. Illi però f'dan il-każ, l-akkuża li nħarġet fil-konfront tal-imputat kienet taħt l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt l-artikolu 104. Illi kieku kien hemm allura f'dan il-każ il-preskrizzjoni kienet ta' għaxar snin u mhux ħames snin bħal ma' hemm għal-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Illi għalhekk f'dan il-każ, l-imputat kien xehed l-aħħar darba bil-ġurament kien fit-13 ta' Frar 2015 u kwalunkwe proċeduri kontrih iridu jittieħdu sa Frar 2020. Illi mid-dokumenti li ġew esebieti mill-prosekuzzjoni jidher biċ-ċar li ġie maħluq rapport (ara dok Pol 3 a fol 73) li jġib id-data tat-3 t'Ottubru 2020 u għalhekk ferm wara id-data tal-ħames snin. Illi għalhekk jidher li dan ir-rapport ġie mdaħħal fis-sistema aktar minn sena minn meta ngħatat s-sentenza finali stante li prova ta' appell minn din is-sentenza ma tressqitx quddiem din il-Qorti. Illi fl-istess ordni tan-notifika, l-imputat mar personalment ġewwa l-Għassa tal-Pulizija u ġabar din in-nota nhar is-6 t'Ottubru 2020 u għalhekk ferm wara l-ħames snin minn meta l-ahhar li xehed.
Illi sa hawn hija dak li qalet id-difiża f'dan il-każ waqt li fit-trattazzjoni l-prosekuzzjoni qanqlet li huma mxew skont ma' dak li jgħid l-Artikolu 691 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jgħid espressament li:

> 691. (1) Għar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fih isir l-aħħar att ta' esekuzzjoni; għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi; u għar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

> (2) Jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tinġieb 'il quddiem jew ma tkunx tista' titkompla ħlief wara awtorizzazzjoni speċjali jew wara d-deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha, il-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu minn dak in-nhar li fih tingħata l-awtorizzazzjoni jew li tinqatal-kwistjoni.

Illi għalhekk dan l-artikolu ċitat mill-prosekuzzjoni jagħmel referenza għas-sospensjoni tal-preskrizzjoni f'żewġ istanzi biss li huma

a) awtorizzazzjoni speċjali; jew
b) wara deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha.

Illi f'dan il-każ, il-fatt li kienet il-Qorti tal-Maġistrati bis-sentenza tagħha li ordnat investigazzjoni mill-Pulizija taħt l-Artikolu 104 tal-Kapitolu 9 (u mhux l-artikolu 108) tal-Liġijiet ta' Malta, ma hux xi awtorizzazzjoni speċjali. Illi dan il-fatt tħalla mingħajr ma ħadu passi kontra l-istess imputat mill-istess prosekuzzjoni fil-kawża li xehed l-istess imputat fiha. Illi f'dan il-każ l-ispergur f'kawża ma hemmx il-bżonn ta' xi awtorizzazzjoni speċjali. Illi wkoll ma japplikax dwar il-fatt li kien hemm xi deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra. Illi għalhekk anki hawn il-Qorti ma taqbilx mal-prosekuzzjoni li kien hemm il-bżonn ta' xi awtorizzazzjoni sabiex jittieħdu passi kriminali fuq spergur.

**Ikkunsidrat:**

Illi wkoll irid jiġi innotat li l-Qorti fis-sentenza tagħha għamlet referenza għal-Artikolu 104 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-fatt fil-fehma tagħha meta l-imputat xehed quddiem il-Maġistrat inkwirenti ma xehedx il-falz tant li l-informazzjoni li twassal għal-imputat f'dik il-kawża. Illi hemm differenza wkoll f'dak li jgħid l-artikolu 104 u 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-imputat xehed fi proċeduri kriminali u għalhekk l-ispergur sar waqt li huwa ta x-xhieda tiegħu. Illi l-artikolu 108 jibda billi jagħmel referenza għal każijiet oħra mhux imsemmija mill-artikolu ta' qabel meta jixhed il-falz. Illi però l-artikolu 104 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa wieħed speċifiku u cioe' dwar xhieda falza waqt proċeduri kriminali kif kien il-każ tal-imputat. Illi għalhekk il-Qorti tat ordni lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiġi investigat l-imputat taħt il-Kapitolu 104 u mhux taħt l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Illi però ai finijiet ta' dak li hemm l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat hija preskritta wara l-għeluq ta' ħames snin. Illi f'dan il-każ ma kienx hemm il-bżonn ta' awtorizzazzjoni speċjali sabiex jittieħdu passi kriminali kontra l-imputat għaliex ir-reat kontemplat kemm taħt il-104 u l-108 huwa ex officio u għalhekk ma hemmx bżonn ta' awtorizzazzjoni. Illi għalhekk stante għal fatt li l-akkuża inħarġet b'mod ħażin u cioe' taħt l-Artikolu 108 u mhux 104 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta allura f'dan il-każ l-akkuża fil-konfront tal-imputat hija preskritta u għalhekk ma jistgħux jitkomplew il-proċeduri kontra tiegħu.

**Decide:**

Għaldaqstant wara li din il-Qorti rat l-artikoli 104, 108, 687, 688 u 691 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat Bjorn Dalli ħati stante li l-akkuża kontra tiegħu hija preskritta u għalhekk qiegħed jiġi liberat minn kull ħtija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Reġistratur**